**165. L-Onor Angelo Farrugia jipproponi:**

Illi minħabba li fis-Seduta Nru. 363 tat-18 ta' Settembru 2000, tal-Kamra tad-Deputati, ġew imqiegħda fuq il-Mejda ta' l-istess Kamra:

- l-Avviż Legali Nru 138 ta' l-2000 – Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-regoli dwar it-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar;
- l-Avviż Legali Nru 139 ta' l-2000 – Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba';
- l-Avviż Legali Nru 140 ta' l-2000 – Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Proċeduri tal-Bord ta' l-Arbitraġġ;
- l-Avviż Legali Nru 141 ta' l-2000 – Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera; u
- l-Avviż Legali Nru 142 ta' l-2000 – Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni ta' Proċedura Ċivili;

liema regoli rispettivament kif indikati hawn fuq qegħdin isiru bis-saħħa tas-setgħat mogħtija:

- bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar Tribunal għat-Talbiet Żgħar;
- bl-artikolu 19 ta' l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba';
- bl-artikolu 35 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet pubbliċi;
- bl-artikolu 45 ta' l-Ordinanza li tirregola t-tiġdid tal-Kiri ta' Bini; u
- bl-artikolu 1004 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

liema regolamenti saru mill-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali bil-ftehim mal-Ministru tal-Finanzi billi:

- dawn ir-regolamenti fl-intier tagħhom għandhom jibdew iseħħu kollha kemm huma fl-ewwel ta' Ottubru 2000 fejn minnufih għandhom jiżdiedu b'mod esagerat id-drittijiet dovuti lir-Reġistru li jitħallsu fit-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar, dak li jitħallsu fil-Bord tal-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', dawk li jitħallsu fir-Reġistru fil-Bord ta' l-Arbitraġġ, dawk id-drittijiet tar-Reġistru li jitħallsu fil-Bord li Jirregola l-Kera u dawk id-drittijiet li jitħallsu rigward is-smiegħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u tal-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex;
- il-pubblikazzjoni ta' dawn l-istess avviżi legali, 138 ta' l-2000, 139 ta' l-2000, 140 ta' l-2000, 141 ta' l-2000, 142 ta' l-2000, ħolqu dibattitu sħun fil-pajjiż u allarm fost il-pubbliku fejn b'mod ċar qegħdin jheddu l-istess dritt soċjali għal użu tal-Qrati tal-Ġustizzja u li ġabet magħha reazzjoni mhux tas-soltu mill-istess qasam tal-professjoni legali inklużi dik tal-Kamra ta' l-Avukati (*Camera degli Avocati),* il-Kamra tal-Prokuraturi Legali, il-pubbliku

in ġenerali u saħansitra kitbiet minn esponenti legali prominenti fil-ġurnali ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

- jidher b'mod ċar u manifest li f'uħud miż-żidiet mit-tariffi, iż-żidiet huma b'mod astronomiku fejn hemm żieda ta' f'uħud mill-każijiet ta' wkoll elf fil-mija fejn żgur min huwa f'pożizzjoni baxxa fis-soċjeta' u li għandu bżonn tas-servizz tal-Qorti biex jikseb ġustizzja mhux se jkun f'pożizzjoni finanzjarja illi jirrikorri fil-Qrati biex jagħmel dan;

- dawn it-tariffi jekk jiġu fis-seħħ sejrin jikkawżaw dannu kbir soċjali fejn saħansitra qed tiġi skossjata l-istess amministrazzjoni tal-ġustizzja;

- jidher li la l-Ministru tal-Ġustizzja u lanqas il-Ministru tal-Finanzi ma jidhru illi f'dawn iż-żidiet qawwija fit-tariffi li għandhom jitħallsu fir-Reġistri tat-Tribunali u tal-Qrati rispettivi ma kkonsultawx mas-sezzjonijiet kollha milquta tal-pubbliku in ġenerali;

- uħud minn dawn ir-regolamenti in partikolari r-regolamenti kif indikati fl-avviż legali 138 huma wkoll *ultra vires* u dan peress illi l-Ministru mhux f'kull każ għandu l-poteri li jemenda l-istess proċedura kif inhija fis-sustanza fil-liġi prinċipali u li għalhekk dan jirrendi l-aġir tal-Ministru bħala wieħed abbużiv lejn dan il-Parlament;

- dawn iż-żidiet ma ġewx rispettati d-drittijiet kollha soċjali uħud minnhom dawk bażiċi fil-każijiet tad-depositi f'ċedoli fil-Qori bħal każijiet ta' kirjiet, ħlas dovut ikkontestat u fidi ta' ċnus u billi l-istess drittijiet għal servizz ta' notifiki, ta' ittri uffiċjali, mandati, notifiki ta' xhieda, notifiki bil-purtier u kull att ġudizjarju marbut direttament jew indirettament mal-promolgazzjoni ta' kawżi huma tant għolja u esagerati minn kif kienu oriġinali li sejrin jiskossaw sew l-andament u l-effiċjenza u l-istess finanzjament tal-kawżi;

- għal dawn ir-raġunijiet u raġunijiet oħra illi għandhom jiġu ttrattati f'dibattitu serju f'dan il-Parlament; billi skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) Regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fiż-żmien 28 jum wara li jigu hekk imqiegħda il-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annulati jew emendati, dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għal validita' ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta; u

- għal raġunijiet fuq indikati din il-Kamra jidhrilha li r-regolamenti fuq imsemmija u ċioe' dawk indikati fl-Avviż Legali 138 ta' l-2000, l-Avviż Legali 139 ta' l-2000, l-Avviż Legali Nru 140 ta' l-2000, l-Avviż Legali 141 ta' l-2000 u l-Avviż Legali 142 ta' l-2000 m'għandhomx jiġu fis-seħħ.

Għaldaqstant dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla l-Avviżi Legali 138 ta' l-2000, l-Avviż Legali 139 ta' l-2000, l-Avviż Legali 140 ta' l-2000, l-Avviż Legali 141 ta' l-2000 u l-Avviż Legali 142 ta' l-2000.

19.09.2000